MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2008

Numru 232/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**
**(Spettur Martin Sammut)**

**Versus**

**Christopher Sammut**

Il-Qorti

1. l-imputazzjonijiet kontra Christopher Sammut ta' 34 sena iben Emanuel u Josephine nee Ellul imwieled fl-14 ta' Jannar 1972 l-Italja u residenti Samwel Triq A Preca Lija ID 538772 (M)

2. Akkużat talli f'dawn il-Gżejejr nahr is-26 ta'Frar 2006 f'xi ħin bejn it-tleita ta' wara nofs in-nhar (15.00) u l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar (16.00) minn ġewwa l-fond Room 19 Seven  Apartments Triq San Ġorġ San Ġiljan

(a) Ikkometta serq ta’ flus għal ammont ta’ €100, passaport u dokumenti oħra għad-dannu ta’ Barbara Kelin, liema serq huwa aggravat bil-mezz, persuna u lok u dan bi ksur ta’ l-artikoli 261, 263, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(b) Ikkometta serq  ta’ flus għal ammont ta’ €60 u Lm10, telefon ċellulari tal-marka Samsung, passaport u dokuemnti oħra għad-dannu ta’ Anne Tibi, liema serq huwa aggravate bil-mezz, persuna u lok u dan bi ksur ta’ la-rtikoli 261, 263, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imputat li jġib in-numru 5387 ta’ l-1972, il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali u dak ta’ l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, id-dikjarazzjoni ta’ l-imputat li jifhem il-lingwa Ingliża (a fol.9), is-sett ta’ ritratt a fol 24, l-istqarrija ta’ l-imputat a fol.25, iż-żewġ CD’s (a fol.41) u is-sett tar-ritratti a fol.42.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

6. Skond l-Ispettur Martin Sammut fis-27 ta’ Frar 2006 kienu marru żewġ tfajliet stranjieri jirraportaw li fis-26 ta’ Frar kienu nsterqulhom xi affarijiet mill-kamra tagħhom ġewwa ‘Seven Apartments’. Barbara Klein kienet qalet li kienu nsterqulha 100 Ewro, wallet, driving licence u dokumenti.  Anne Tibi allegat li nsterqulha 60 Ewro, passaport,u mobile phone tal-marka Samsung u l-affarijiet li kien fih il-wallet.

7. Il-Manager ta’ l-appartament kien ta diversi ritratti lill-Pulizija fejn kienu indikaw persuna dieħla fil-fond.  Il-persuna  dehret tidħol f’appartment fejn kienu jirresjedu t-tfajliet. Hemm ritratt wieħed fejn tidher persuna oħra

takkompanja lill-imputat. Fir-residenza ta’ l-imputat ma nstab xejn.

8. Fl-istqarrija li saret fit-8 ta’ Marzu, 2006, l-imputat kien għażel li ma jweġibx skond struzzjonijiet li kien tah l-avukat.

9. PS 69 Jesmond Cremona esibixxa ir-rapport li sar miż-żewġ studenti derubati.

10. PS 516 Alfio Borg ppreżenta żewġ CD’s kif ukoll 20 ritratt li hu kien niżżel minn dawn is-CD’s. Is-CD’s huma tas-Seven Apartments Saint George’s Road, Saint Julian’s.

11. Skond ix-xhud Barbara Klein hi u ħabibitha kienu ħarġu mill-kmamar tagħhom f’xi l-erbgħa ta’ wara nofs in-nhar tas-26 ta’ Frar u reġgħu lura għall-ħabta tas-sebgħa ta’ filgħaxija. (fol.10) Kienu nstabu neqsin il-wallet tagħha u tal-ħabiba tagħha u l-mobile phone tal-ħabiba tagħha.[1] Hija kienet żgura li għalqet il-bieb u lill-imputat qatt ma kienet ratu. Kienet ratu biss fuq il-vidjo. Kien hemm cameras fir-residenza kollha u allure kien faċli li wieħed seta’ jara minn daħal fil-kamra tagħhom u seraq l-affarjiet. Fir-residenza hemm madwar 40 appartament. Meta seħħet is-serqa kien hemm żewġ ġersuni fl-appartament tagħhom.

12. Keith Micallef xehed li hu kien il-Manager ta’ Seven Apartments u xi studenti kienu nsterqulhom xi mobiles u wallet mill-ewwel sular. L-istudenti li nsterqu kienu f’Room No 18 li qegħda fl-ewwel sular. (Fol.45). Dan ix-xhud kien mar l-għassa bil-video

13. Il-video inġibed fis-26 ta’ Frar 2006 u l-ħin jidher li kien 15.28.49 ‘il quddiem.

14. Dwar ir-ritratt f’MS 2 ix-xhud qal li jidher li hemm persuna li qed tipprova tiftaħ kmamar jew it-24 jew it-34. Dwar Dok MS 5 dan ix-xhud qal li tidher li hija room 21

[1] Ara wkoll fol.33 u 35 tal-proċess fejn hemm deskritt x’insteraq.

iżda ma kienx ċert. Il-persuna li tider fir-ritratt ma kenitx residenti fis-Seven Apartments. Biex tidħol fl-apartments irid ikollok ċavetta tal-bieb ta' barra kif ukoll tal-bieb tal-kamra. Iċ-ċavetta l-klijent jeħodha fuqu.

15. Meta ntwera r-ritratti fis-sett AB ix-xhud qal li l-persuna kienet dieħla f'room 21 u ħierġa minna (15.29.47 u 15.33.07) u fuq dieħel fit-24 u ħiereġ minnha (15.28.49 u 15.33.39)

16. A fol.48 dan ix-xhud qal hekk dwar document AB6 u fir-ritratt tal-ġenb il-ersuna tidher li qed fir-raba' sular u diela f'room 47. Ta' taħt ma jidhirx in-numru u jidher li miġbud fl-ewwel sular. Ix-xhud 'jaħseb' li l-persuna dieħla fin-numru 18. 2006/02/26 15.29.31 u 15.53.25.

Ikkonsidrat

17. Mill-evidenza prodotta jidher li l-imputat kien fis-Seven Apartments bla ma kien residenti hemm ġew. Il-Qorti m'għandha ebda dubju li l-persuna fir-ritratt u l-imputat huma l-istess persuna.

18. Id-difiża allegat li l-Prosekuzzjoni jmissha talbet biex jinħatar espert sabiex dan jistabilixxi jekk il-persuna li tidher fir-ritratti hix l-imputat. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni għaliex ix-xebh bejn ritratt u l-persuna li l-Qorti għandha quddiemha ma jirrikjedi ebda ħatra ta' espert biex isir. L-esperti jitqabbdu fejn hemm bżonn xi ħila teknika – bħal per eżempju, teħid ta' fingerprints, jekk magna ta' karozza taħdimx tajjeb, jekk lift kellux l-attrezzaturi tiegħu skond is-sengħa – iżda mhux biex sempliċiment isir tqabbil ta' ritratt ma' persuna li qegħda quddiem il-Qorti.

19. Mill-ħinijiet imniżżla mill-vidja jidher li l-imputat kien fis-Seven Apartments mit-15.28 'l quddiem. Barbara Klein xehdet li huma ħarġu għal xi l-erbgħa mill-appartament tagħhom.

20. Mill-provi jirriżulta li l-allegati vittmi kienu fil-kamra numru 18 li qegħda fl-ewwel sular.(fol 44 (darbtejn) u fol.45)

21. Meta xehed Keith Micallef issemmew li l-persuna fir-ritratti qed tifaħ il-kamra 24 jew 34 (fol.46), numru li ma jidhirx (fol.46), it-21 (ara fol.47) u a fol.48 ix-xhud qal li 'Minix ċert imma naħseb l-ewwel sular room 18- fol.48 – Ħin 15.33.39).

22. Skond il-provi tal-Prosekuzzjoni, meta saret perkwiżizzjoni għand l-imputat ma nstab xejn.

23. Għalhekk il-każ kollu tal-Prosekuzzjoni jistrieħ kollu fuq sett ta' ritratti li juru li l-imputat kien preżenti f'post fejn mhux suppost li daħal u li huwa kien fil-post qrib ħafna tal-ħin mogħti fi x'ħin saret l-allegata serqa.

Ikkonsidrat

24. Skond id-dotrina Ingliża

***'In cases of handling and theft, on proof or admission of the fact that the accused was found in possession of property so shortly after it was stolen that it can fairly be said that he was in recent possession of it, the jury should be directed that such possession calls for an explanation, and, if none is give, or one is given which they are convinced is untrue, they are entitled to infer, according to circumstances, that he accused is either the handler or the thief and to convict accordingly.'***[2]

25. Fil-każ odjern m'hemmx xi prova li l-imputat inqabad b'xi oġġett li allegatament insteraq minn Room 18 tas-Seven Apartments. Bejn is-serqa u l-istqarrija ta' l-imputat kienu għaddew għaxart ijiem. L-imputat m'ammetta xejn fl-istqarrija.

[2] Blackstone's Criminal Practice (2001) page 2004 F.3.29 Ara wkoll ; Cross and Tapper on Evidence Butterworth's Ninth Edition page 23.

26. Il-Qorti qieset dawn l-elementi: li

(a) ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ma kienx ċert dwar id-dħul fl-kamra numru 18 ; (b) in-nuqqas ta’ provi oħra għajr ir-ritratti; u
(ċ) li l-artikoli dwar l-inferenza li tista’ tagħmel għadhom ma daħlux fis-seħħ għalkemm dawn jinsabu fil-Kap 9

qed tikkonkludi li l-każ kontra l-imputat ma kienx ippruvat mill-Prosekuzzjoni.

**Konklużjoni**

27. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b), (d)(e), 263, 268, 269(g) tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat miż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------